# Il-vojt

Ħiemed niġri mat-toroq qalbi sewda
Inħares quddiemi għajr dlam ma narax,
Toqol kbir f'qalbi li bil-wisq jgħajjini
U ma nittamax.

Imma dal-vojt, hekk kbir, u bil-wisq profond
Jaf xi darba jerġa' forsi jimtela',
Għax imfellel miskin jinsab għax waħdu
Dejjem għat-telgħa.

U miexi baqa' dal-vojt hekk imlibbes
Imma ġewwa fih għaddej minn kalvarju,
U jgħajjat għall-għajnuna mingħajr kelma
Għax bla separju.

Tkunlux int dal-vojt is-separju meħtieġ
Biex forsi jinstablu xi ftit tat-tama,
Għax jekk anki int tagħlaqlu dik qalbek
Jibqa' fil-ħama?

Għaddej iż-żmien minn fuq dal-vojt marradi
Għalkemm leħnu irrekordjat fis-sema,
Għaddej dal-vojt iterraq u wisq mgħobbi
Leħnu jinstema?

Se jasal il-jum meta l-vojt jittieħed
Imbagħad dakinnhar bosta għad jindunaw,
Kemm ġabu ruħhom b'qalb ħażina miegħu
Lilu ingannaw.

Għax qatgħu l-ħaqq ikrah u b'kefrija
Kontra dal-vojt u lilu qatt ma ħabbew,
Imma l-ġustizzja t'Alla għad trid tixgħel
La jkunu battew.

Mela ejja nħennu għall-vojt li hemm f'qalbna
U wkoll f'dak li hemm ibati f'qalb ħafna snin,
Ejjew inkunu ċ-Ċirinew tal-ħniena
Nieħdu ħsieb 'l xulxin.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.